II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Novembru 2007

dwar l-aċċettazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim *TRIPS*, magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005

(2007/768/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133(5) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2001 f'Doha, ir-Raba' Sessjoni tal-Konferenza Ministerjali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem il-"WTO") adottat id-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika (id-dok. WT/MIN(01)/DEC/2 tal-WTO).

(2) Il-paragrafu 6 ta' dik id-Dikjarazzjoni tat struzzjonijiet lill-Kunsill għat-*TRIPS* sabiex isib soluzzjoni malajr għall-problema tad-diffikultajiet li l-Membri tal-WTO b'kapaċitajiet ta' manifattura insuffiċjenti jew ineżistenti fis-settur farmaċewtiku jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom meta effettivament jużaw l-għoti ta' liċenzji obbligatorji taħt il-Ftehim dwar Aspetti, Relatati mal-Kummerċ, tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim *TRIPS*").

(3) Fit-30 ta' Awwissu 2003, il-Kunsill Ġenerali tal-WTO adotta Deċiżjoni temporanja li timplementa l-paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim *TRIPS* u s-Saħħa Pubblika.

(4) Il-paragrafu 11 ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li dik id-Deċiżjoni, inklużi r-rinunzji mogħtija fiha, għandha tintemm għal kull Membru fid-data li fiha tidħol fis-seħħ, għal dak il-Membru, emenda lill-Ftehim *TRIPS* li tissostitwixxi id-dispożizzjonijiet tagħha.

(5) Fis-6 ta' Diċembru 2005, sabiex id-Deċiżjoni tat-30 ta' Awwissu 2003 tinbidel f'emenda tal-Ftehim *TRIPS*, il-Kunsill Ġenerali tal-WTO adotta Protokoll li jemenda il-Ftehim *TRIPS* u ppreżentah quddiem il-Membri tal-WTO sabiex jiġi aċċettat.

(6) Il-paragrafu 3 tal-Protokoll jipprovdi li l-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-aċċettazzjoni mill-Membri sa l-1 ta' Diċembru 2007 jew liema data iżjed fit-tard tista' tiġi deċiża mill-Konferenza Ministerjali.

(7) Il-Kummissjoni ħadet sehem, f'isem il-Komunità, fin-negozjati dwar il-Protokoll.

(8) Skond l-Artikolu 133(5) tat-Trattat, il-Komunità hija kompetenti li tikkonkludi ftehimiet fil-qasam ta' l-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali.

[1] Kunsens ta' l-24 ta' Ottubru 2007 (għadu mhuwiex pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

(9) Il-Protokoll għandu jiġi aċċettat f'isem il-Komunità.

(10) Fl-istrument ta' aċċettazzjoni tagħha, il-Komunità għandha tikkonferma wkoll, skond l-Artikolu 300(7) tat-Trattat, li l-Protokoll ikun jorbot lill-Istati Membri tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim *TRIPS*, magħmul f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005 huwa b'dan aċċettat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tiddepożita d-dokument ta' l-aċċettazzjoni tal-Protokoll mad-Direttorat Ġenerali tal-WTO.

Artikolu 3

Fl-istrument tagħha ta' aċċettazzjoni, il-Komunità għandha tikkonferma, skond l-Artikolu 300(7) tat-Trattat, li l-Protokoll sejjer jorbot lill-Istati Membri tagħha.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Novembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

L. AMADO